# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 ta' Novembru, 2015**

**Rikors Numru 621/2014 SM**

**Maria Concetta sive Mari Shires**
**(I.D. 964450 M)**

**vs.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**Direttur Qrati Civili u Tribunali**
**bhala Registratur Qrati Civili u**
**Tribunali u l-Avukat Generali**
**ghal kull interess**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi missier ir-rikorrenti Edgar Bonello miet fil-15 ta' Lulju, 1984;

1.2. Illi fit-testment tieghu datat is-6 ta' Mejju, 1983, *in atti* tan-Nutar Dottor Angelo Vella, nnomina eredi tieghu lil uliedu Joseph u Vincent Bonello, u ddizeredita lil bintu r-rikorrenti Shires;

1.3. Illi permezz tal-kawza indikata fir-rikors guramentat promotur, (ara foll 1), ir-rikorrenti ttentat timpunja l-fuq imsemmi testment;

1.4. Illi in effetti l-imsemmi testment kien impunjat permezz tas-sentenza datata l-4 ta' Dicembru, 2006;

1.5. Illi nhareg ukoll mandat t'inibizzjoni fil-15 ta' Dicembru, 1986, kontra Joseph u Vincent ahwa Bonello u kontra l-mamà ta' l-istess, Giovanna armla ta' Edgar fuq indikat, biex jigu inibiti milli b'xi mod jiddisponu mill-assi ta' l-imsemmi Edgar;

1.6. Illi l-imsemmi mandat kien notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

1.7. Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-genituri tar-rikorrenti u l-eredità tal-papà ta' l-istess rikorrenti ma gewx likwidati;

1.8. Illi *nonostante* is-suespost, permezz ta' kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Joseph Brincat datat it-8 ta' Lulju, 1999, l-imsemmijin Giovanna u Joseph Bonello bieghu lil Vincent u Antoinette konjugi Bonello, kwantu ghal Giovanna Bonello ghan-nofs indiviz u l-uzufrutt tan-nofs indivizz l-iehor u Joseph Bonello ghall-kwart indiviz tan-nuda proprjetà ta' garaxx bl-isem ta' "Lourdes", minghajr numru, Carmel Street, Birkirkara, suggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' tlett (3) Liri Maltin, (Lm3.00), ghall-prezz t'elfejn Lira Maltin, (Lm2,000.00), ghal Giovanna Bonello u elf Lira Maltin, (Lm1,000.00), ghal Joseph Bonello;

1.9. Illi permezz ta' kuntratt iehor *in atti* ta' l-istess Nutar indikat fil-paragrafu precedenti datat it-22 ta' Frar, 2001, Giovanna Bonello tat b'donazzjoni lil Joseph Bonello in-

nofs indiviz tal-piena proprjetà u l-uzufrutt tan-nofs indiviz l-iehor ta' Flat 2, numru 23, Triq Abate Rigord, l-Imsida;

1.10. Illi l-istess Giovanna tat ukoll b'donazzjoni lil binha l-iehor Vincent bl-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti, n-nofs indiviz in piena proprjetà u l-uzufrutt tan-nofs indiviz tal-hanut 36, Naxxar Road, Birkirkara;

1.11. Illi permezz ta' l-istess kuntratt l-imsemmija Giovanna ezonorat liz-zewg uliedha *de quo* mill-obbligu tal-kollazzjoni;

1.12. Illi permezz ta' procedura legali ohra indikata fl-istess rikors guramentat promotur ir-rikorrenti odjerna talbet lill-qorti biex l-imsemmija proprjetajiet fuq riferiti, (ara paragrafu numru wiehed punt tmienja (1.8.), wiehed punt disgha, (1.9.), u wiehed punt ghaxra (1.10.), aktar qabel), indikati fil-kuntratti *de quo*, jigu dikjarati nulli u minghajr effett;

1.13. Illi t-talbiet tar-rikorrenti gew milqugha permezz tas-sentenza datata l-5 t'April, 2006, izda is-sentenza giet revokata fl-Appell datat id-9 ta' Gunju, 2009;

1.14. Illi wara ritrattazzjoni, b'sentenza datata t-30 ta' Lulju, 2010, il-Qorti ta' l-Appell cahdet it-talba tar-rikorrenti ghat-thassir tas-sentenza minnha awspikat;

1.15. Illi r-raguni ghall-istess kienet li l-mandat *de quo* ma kienx gie insinwat u allura ma kellu ebda effett fil-konfront ta' terzi;

1.16. Illi *nonostante* dan, l-istess mandat kien debitament notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u kien dan li naqas li jinsinwa l-istess mandat;

1.17. Illi ghalhekk ir-rikorrenti sofriet danni billi l-proprjetajiet in dizamina ma gewx ritornati fl-assi ta' l-eredità t'Edgar Bonello;

1.18. Illi *di più*, *stante* li issa mietet l-imsemmija Giovanna, l-assi *de quo* mhumiex inkluzi fil-massa ereditarja taghha,

mill-liema r-rikorrenti ghandha sehem ta' hamsa min disgha, (5/9);

1.19. Illi ghalhekk minflok ma r-rikorrenti giet fl-istess posizzjoni ta' hutha, giet issa pregudikata severament;

1.20. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunità jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.20.1. Tiddikjara li l-intimati huma responsabbli ghad-danni sofferti minnha;

1.20.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.20.3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont hekk likwidat;

1.20.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-presentata tar-rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata il-11 t'Awwissu, 2014, li permezz taghha id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Generali wiegbu sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-azzjoni hi preskritta *ai termini* ta' l-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.2. Illi l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur, u dan, *ai termini* ta' l-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-ligijiet fuq riferiti;

2.3. Illi fil-mertu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati:

2.4. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;

3.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali fil-kwalità tieghu premessa datata l-20 t'Awwissu, 2014, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

3.1. Illi hu mhux il-legittimu kontradittur;

3.2. Illi gie traxxinat f'din il-procedura inutilment;

3.3. Illi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3.4. Illi in kwantu diretti kontra tieghu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.5. Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti m'humiex diretti kontra l-intimat odjern li bl-ebda mod ma jistà jwiegeb ghalihom;

3.6. Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li mhux il-kompitu tieghu li jinsinwa tali mandati;

3.7. Illi ghalhekk qatt ma jistà jinstab responsabbli ghal xi danni fir-rigward;

3.8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3.9. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat it-22 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, ordnat il-kapovolgiment tal-provi fuq l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati Direttur tar-Registru Pubbliku u mill-Avukat Generali fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali, (ara foll 24);

5. Rat id-digriet taghha datat is-16 t'April, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentati legali tal-partijiet, awtorizzaw lill-istess biex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni preliminari hemm riferita bil-modalità u fit-termini hemm indikati, (ara foll 218);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

8. Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi jigi sottolineat li din il-fazi tal-procedura hi limitata biss ghad-determinazzjoni ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Generali, senjatament:

9.1. Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9.2. Il-posizzjoni ta' l-Avukat Generali f'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

10.0. **Preskrizzjoni *ai termini* ta' l-artiklu 2153 tal-Kap 16 fuq riferit**:

10.1. Illi l-bazi tal-procedura odjerna hi effettivament it-talba tar-rikorrenti li tigi rizarcita ghad-danni sofferti minnha minhabba l-allegat nuqqas ta' l-intimat Direttur *de quo* li jinsinwa l-mandat t'inibizzjoni in meritu;

10.2. Illi rigward l-istess Direttur intimat jinnega li b'xi mod naqas mid-doveri tieghu fir-rigward;

10.3. Illi ghalhekk mhux responsabbli ghad-danni allegati mir-rikorrenti;

10.4. Illi fir-rigward l-azzjoni tar-rikorrenti hi bbazata fuq l-artikli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili;

10.5. Illi kif ritenut minn din il-qorti diversament preseduta fil-kawzi fl-ismijiet **Bonello Cole vs. Kummissarju tal-Pulizija et datata t-3 t'Ottubru, 2003**, u mill-**Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Portelli et vs. Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, datata d-9 ta' Lulju, 2008**, l-artikli citati fil-paragrafu precedenti ma jeffettwaw l-ebda distinzjoni bejn individwu jew entità jew awtorità pubblika;

10.6. Illi ghalhekk l-applikazzjoni ta' l-istess artikoli hawn citati hi estiza wkoll ghall-istess entitajiet u awtoritajiet pubblici;

10.7. Illi konsegwentement l-awtorità pubblika hi obbligata biex hi wkoll, bhal kull individwu taghmel tajjeb ghad-danni li jistghu jigu minnha kkawzati;

10.8. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-azzjoni odjerna hi ppernjata fuq l-allegati danni li ma kienux ikkagunati b'reat;

10.9. Illi allura f'dan il-kaz japplika l-artiklu 2153 tal-Kodici Civili li jistipula s-segwenti:

> "L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqà bi preskrizzjoni ta' l-gheluq ta' sentejn";

10.10. Illi f'dan ir-rigward id-danni li jistghu jigu reklamati a bazi ta' l-istess artiklu indikat fil-paragrafu precedenti huma danni li jirrizulataw minn htija extra-kontrattwali;

10.11. Illi l-perjodu preskrittiv relattiv ghandu jibda jiddekorri mill-jum li fih ikun sehh l-illecitu u li minnu jirrizulta d-dannu u mhux minn dakinhar li r-rikorrenti saret taf bih, (ara ***Maltacom p.l.c. vs. Mizzi et*** datata ***l-1 ta' Gunju, 2004***);

10.12. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta s-segwenti:

10.12.1. Illi l-mandat t'inibizzjoni in dizamina nhareg fiz-19 ta' Settembru,1986, (ara foll 60);

10.12.2. Illi l-istess mandat kien notifikat lill-intimat Direttur fl-istess gurnata indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 63);

10.12.3. Illi l-ewwel darba li r-rikorrenti rreagixxiet fir-rigward jirrizulta li kien permezz ta' protest datat it-12 ta' Lulju, 2012, (ara foll 31 u 219);

10.12.4. Illi ghalhekk il-perjodu indirizzat fl-artiklu tal-Kodici Civili fuq riferit kien ghaddha abbundantement;

10.12.5. Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni odjerna hi preskritta fit-termini ta' l-artiklu 2153 tal-Kodici Civili;

Ikkunsidrat:

11.0. **Il-Posizzjoni ta' l-Avukat Generali f'din il-Procedura:**

11.1. Illi ghandu immedjatament jigi sottolineat li ghalkemm din il-qorti qed tinvesti din it-tieni eccezzjoni preliminari jigi ribadit li fil-fatt, fid-dawl ta' l-analisi u konkluzjoni rigwardanti l-ewwel eccezzjoni preliminari, din hi strettament superfluwa;

11.2. Illi f'dan ir-rigward r-rapprezentanza tal-gvern f'atti gudizzjarji hi regolata bl-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li tistabblixxi sintetikament is-segwenti:

11.2.1. Illi r-rapprezentanza *de quo* hi fdata fil-kap tad-dipartiment ikkoncernat;

11.2.2. Illi l-Avukat Generali però hu inkarigat b'tali rapprezentanza meta l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jewn aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern;

11.3. Illi l-procedura in dizamina hi indirizzata fil-konfront ta' kap dipartimentali partikolari li wkoll gie kolpit bl-istess procedura;

11.4. Illi l-intimat Avukat Generali jirrizulta allura ghal kollox estraneu ghal din il-procedura u ghandu biss jigi notifikat bl-istess *ai termini* ta' l-artiklu 181B (3) tal-istess Kap 12 fuq riferit;

11.5. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-intimat Avukat Generali m'ghandux ghalfejn ikun fil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Generali ssodisfaw l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari taghhom u l-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali ssodisfa l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu, u konsegwentement:

**DECIDE:**

12.1. Takkolji l-eccezzjonijiet preliminari indikati fil paragrafu precedenti kif sollevati mill-intimati hemm riferiti;

12.2. Tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta *ai termini* ta' l-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

12.3. Tiddikjara li fid-dawl ta' l-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-intimat Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

12.4. Bl-ispejjez ta'din il-procedura kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**